

# Iż-Żjara tal-Gvernatur f'San Pawl il-Baħar

*Tagħrif miġbur minn Keith Muscat*

75 sena ilu, proprju nhar is-26 ta' Settembru 1936, il-Gvernatur ta' Malta, Sir Charles Bonham-Carter, għamel żjara f'San Pawl il-Baħar. Għall-kommunità żgħira ta' raħħala, bdiewa u sajjieda, li kienet tgħammar fl-inħawi, dan kien tassew avveniment importanti. Għalkemm Parroċċa sa mill-1904, San Pawl il-Baħar kien ferm differenti minn dak li nafu llum. Ir-raħal kien wieħed pittoresk b'għadd ta' rziezet, djar u numru ta' vilel imxerrda mal-kosta tal-baħar, li fihom kienu jqattgħu x-xhur tas-sajf nies nobbli jew imlaħħqin fis-Servizz Ingliż.

B'xorti tajba Sir Charles Bonham-Carter kien iżomm annotamenti fi djarju, li huwa minjiera ta' informazzjoni fuq il-ħajja f'Malta meta hu kien Gvernatur Ġenerali. Dan id-djarju, li minnu se nislet xi tagħrif, ġie ppubblikat bħala *The Bonham-Carter Diaries (1936-40)*, PEG 2004, John Manduca (Editur).



*Il-Menqa u s-Santwarju tal-Ħuġġieġa. Circa 1930*



*Veduta ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-Seklu Għoxrin*

Fuq iż-żjara tiegħu f'San Pawl il-Baħar kiteb hekk: "Bħas-soltu, l-ewwel ma għamilna kien żjara lill-knisja. Il-kappillan P. Levanzin hu saċerdot tal-Franġiskani Minuri Konventwali. Il-knisja mhix ta' interess partikulari. Aħna ġejna milqugħin fil-kunvent. Is-sinjura Stone u Elizabeth (mart il-Gvernatur) naħseb li ħolqu *record* jekk inqis kemm damu jistennewni f'kamra fejn soltu joqogħdu dawk li jkunu jistennew lil xi ħadd.... Is-superjur tal-kunvent kien P. Sceberras, li kien ilu jaħdem fl-Ingilterra sa mis-sena 1907, u għandu ħerqa biex jirritorna. Tani x'nifhem li qed jagħfsu fuqu biex jerġa' lura. Naturalment, l-imġieba tiegħu kienet wisq iżjed minn dik ta' ħabib. Iż-żjara ntemmet billi ġie offrut lilna riċeviment minn dawk li joqogħdu ġo Villa Premier. Hemm, jiena ltqajt ma' ħafna nies: fosthom il-Konti Sant Cassia, De Piro d'Amico, u bosta oħrajn. San Pawl il-Baħar għandu madwar elf ruħ joqogħdu fih, u dawn jirdoppjaw b'dawk li jżuruh fis-sajf."

Din it-traduzzjoni tal-mibki Patri Alexander Bonnici, OFM Conv, silta mill-ktieb San Pawl il-Baħar – Il-Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri, ippubblikat fl-2005 fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju. Patri Bonnici jkompli jgħarrafna li l-Gvernatur ħa żball fl-annotamenti tiegħu meta niżżel lil P. Sciberras bħala l-Gwardjan minħabba li dan ma kienx jifforma parti mill-Komunità ta' San Pawl il-Baħar, li fl-1936 kienet iffurmata minn Patri Ġeraldu Levanzin (Kappillan); Patri Ġorġ Portelli (Gwardjan); Patri Franġisk Vella, Patri Ġannfranġisk Grima u Patri Ġużepp Xuereb.

Il-Ġeneral Sir Charles Bonham-Carter GCB; CMG; DSO (25 ta' Frar 1876 - 21 ta' Ottubru 1955) serva bħala Gvernatur ta' Malta bejn l-1936 u l-1940.